ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett ġuridiku skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istatus u d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu ċċekkjati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istat NU/KEE TRANS/WP.29/343 disponibbli fuq: http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html

Ir-Regolament Nru 142 tan-NU — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-istallazzjoni tat-tajers tagħhom [2021/1366]

Li jinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-serje ta' emendi 01 — Data tad-dħul fis-seħħ: 30 ta' Settembru 2021

Dan id-dokument huwa maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni. It-test awtentiku u legalment vinkolanti huwa ECE/TRANS/WP.29/2021/11.

WERREJ

REGOLAMENT

1. Kamp ta' Applikazzjoni
2. Definizzjonijiet
3. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. Approvazzjoni
5. Speċifikazzjonijiet
6. Modifika tat-tip ta' vettura u estensjoni tal-approvazzjoni
7. Konformità tal-produzzjoni
8. Penali għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
9. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox
10. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali
11. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni, u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

ANNESSI

1 Dokument ta' informazzjoni

2 Komunikazzjoni

3 Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dan ir-Regolament japplika għal vetturi tal-kategoriji M, N u O ([1]) fir-rigward tal-istallazzjoni tat-tajers tagħhom.

Ma japplikax għal vetturi li l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom huma inkompatibbli mal-karatteristiċi ta' tajers tal-klassi C1, C2 jew C3 u għal vetturi fir-rigward tal-installazzjoni:

(a) Ta' stepni tagħhom għal użu temporanju; u/jew

(b) Ta' tajers run-flat u/jew sistema run-flat meta jitħaddmu fil-modalità tagħhom ta' sewqan b'tajer imniżżel; u/jew

(c) Ta' tajers ta' mobbiltà estiża meta jitħaddmu fil-modalità tagħhom ta' sewqan b'tajer imniżżel; u/jew

(d) Sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

2.1. "*Tip ta' vettura fir-rigward tal-istallazzjoni tat-tajers tagħha*" tfisser vetturi li mhumiex differenti fir-rigward ta' aspetti essenzjali bħat-tipi ta' tajers, id-dežinjazzjonijiet tad-daqs minimu u massimu tat-tajers, id-dimensjonijiet tar-roti u l-offsets kif ukoll il-veloċità u l-kapaċitajiet tat-tagħbija xierqa għall-immuntar, u l-karatteristiċi tal-parafangi tar-roti;

2.2. It-tipi ta' tajers għandhom jiġu klassifikati kif ġej:

(a) Tajers tal-Klassi C1 — Tajers li jkunu konformi mar-Regolament Nru 30 tan-NU;

(b) Tajers tal-Klassi C2 — Tajers li jkunu konformi mar-Regolament Nru 54 tan-NU u identifikati permezz ta' indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija f'formazzjoni waħda aktar baxx minn jew ugwali għal 121 u minn simbolu tal-kategorija tal-veloċità ogħla minn jew ugwali għal "N";

(c) Tajers tal-Klassi C3: Tajers li jkunu konformi mar-Regolament Nru 54 tan-NU u li jiġu identifikati permezz ta':

(i) Indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija f'formazzjoni waħda ogħla minn jew ugwali għal 122; jew

(ii) Indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija f'formazzjoni waħda aktar baxx minn jew ugwali għal 121 u simbolu tal-kategorija tal-veloċità aktar baxx jew ugwali għal "M".

2.2.1. "*Tip ta' tajer*" tfisser firxa ta' tajers li mhumiex differenti f'dawn il-karatteristiċi essenzjali li ġejjin:

(a) Il-klassi tat-tajer: C1, C2 jew C3 kif deskritt fir-Regolament Nru 30 tan-NU; kif ukoll

(b) Fil-każ ta' tajers tal-klassi C1, il-karatteristiċi ta' tip ta' tajer pnewmatiku kif definiti fir-Regolament Nru 30 tan-NU;

(c) Fil-każ ta' tajers tal-klassi C2 jew C3, il-karatteristiċi ta' tip ta' tajer pnewmatiku kif definiti fir-Regolament Nru 54 tan-NU.

2.3. "*Dežinjazzjoni tad-daqs tat-tajer*" tfisser id-dežinjazzjoni kif definita fir-Regolament Nru 30 għal tajers tal-klassi C1 u fir-Regolament Nru 54 tan-NU għal tajers tal-klassi C2 u C3.

2.4. "*Offset tar-rota*" tfisser id-distanza mill-wiċċ tal-appoġġ tal-buttun sal-linja taċ-ċentru tar-rimm.

2.5. "*Struttura ta' tajer pnewmatiku*" tfisser il-karatteristiċi tekniċi tal-karkassa tat-tajer.

2.6. "*Tajer normali*" tfisser tajer jew tajer run-flat maħsub għal użu normali fit-toroq.

2.7. "*Tajer għall-borra*" tfisser tajer li d-disinn tal-profil, il-kompożizzjoni tal-profil jew l-istruttura tal-profil tiegħu huma primarjament iddisinjati biex f'kundizzjonijiet ta' borra jikseb prestazzjoni aħjar minn dik ta' tajer normali fir-rigward tal-kapaċità tiegħu biex jibda jew iżomm is-sewqan tal-vettura."

([1]) Kif iddefinit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6, para. 2 - www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

2.7.1. "*Tajer għall-borra għal użu f'kundizzjonijiet ta' borra severi*" tfisser tajer għall-borra li d-disinn tal-profil, il-kompożizzjoni tal-profil jew l-istruttura tal-profil tiegħu huma ddisinjati b'mod speċifiku biex jintużaw f'kundizzjonijiet ta' borra severi, u li jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament Nru 117 tan-NU.

2.8. "*Tajer għal użu speċjali*" tfisser tajer maħsub għal diversi użi, kemm fit-toroq kif ukoll off-road jew għal użu speċjali ieħor. Dawn it-tajers huma primarjament iddisinjati sabiex iqabbdu u jżommu l-vettura miexja f'kundizzjonijiet ta' art imħarbta (off-road)."

2.9. "*Tajer run-flat*" tfisser tajer kif definit fir-Regolament Nru 30 tan-NU.

2.10 "*Tajer ta' mobbiltà estiża*" tfisser tajer kif definit fir-Regolament Nru 30 tan-NU.

2.11. "*Stepni għal użu temporanju*" tfisser tajer differenti minn tajer maħsub biex jitwaħħal fuq kwalunkwe vettura għal kundizzjonijiet ta' sewqan normali, iżda maħsub biss għal użu temporanju f'kundizzjonijiet ta' sewqan ristretti.

2.12. "*Rota*" tfisser rota kompleta li tikkonsisti minn rimm u diska tar-rota.

2.13. "*Stepni għal użu temporanju*" tfisser rota differenti minn waħda mir-roti normali fuq it-tip ta' vettura, iżda maħsuba biss għal użu temporanju f'kundizzjonijiet ta' sewqan ristretti.

2.14. "*Unità*" tfisser assemblaġġ ta' rota u tajer.

2.15. "*Stepni standard*" tfisser stepni li jista' jitwaħħal mal-vettura għal tħaddim normali.

2.16. "*Stepni*" tfisser unità maħsuba biex tiġi mibdula ma' unità standard f'każ li din tal-aħħar ma taħdimx sew u tista' tkun waħda minn dawn iż-żewġ tipi li ġejjin.

2.17. "*Stepni standard*" tfisser assemblaġġ ta' rota u tajer identiku, f'dawk li huma d-dežinjazzjoni tad-daqs tar-rota u t-tajer, l-offset tar-rota u l-istruttura tat-tajer, għal dak immuntat fuq l-istess pożizzjoni tal-fus u għall-varjant u l-verżjoni ta' vettura partikolari għal tħaddim normali, inklużi r-roti prodotti minn materjal differenti u li jistgħu jużaw disinni ta' skorfini jew boltijiet tal-immuntar tar-rota differenti, iżda li mill-aspetti l-oħra kollha huwa identiku għar-rota maħsuba għal tħaddim normali.

2.18. "*Stepni għal użu temporanju*" tfisser assemblaġġ ta' kwalunkwe rota u tajer li ma jaqax fi ħdan id-definizzjoni ta' unità żejda standard u li jaqa' fi ħdan xi waħda mid-deskrizzjonijiet ta' tipi ta' stepni għal użu temporanju kif definit fir-Regolament Nru 64 tan-NU.

2.19. "*Simbolu tal-kategorija tal-veloċità*" tfisser is-simbolu kif definit fir-Regolament Nru 30 tan-NU għal tajers tal-klassi C1 u fir-Regolament Nru 54 tan-NU għall-klassi C2.

2.20. "*Indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija*" tfisser numru assoċjat mal-klassifikazzjoni tat-tagħbija massima tat-tajer b'rabta mad-definizzjoni fir-Regolament Nru 30 tan-NU għal tajers tal-klassi C1 u fir-Regolament Nru 54 tan-NU għal tajers tal-klassi C2.

2.21. "*Klassifikazzjoni tat-tagħbija massima*" tfisser il-massa li tajer jista' jġorr meta mħaddem b'mod konformi mar-rekwiżiti li jirregolaw l-utilizzazzjoni speċifikata mill-manifattur tat-tajer.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni tat-tajers tiegħu għandha titressaq mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

3.2. Għandu jkollha magħha d-dokumenti msemmija hawn taħt fi tliet kopji kif ukoll id-dettalji li ġejjin:

3.2.1. Deskrizzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-elementi msemmija fil-paragrafu 5.

3.3. Vettura li tkun rappreżentattiva tat-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata, jew għodda ta' simulazzjoni li tirrappreżenta t-tip ta' vettura li għandha tiġi approvata, għandha titressaq quddiem is-Servizz Tekniku li jwettaq it-testijiet tal-approvazzjoni.

4. APPROVAZZJONI

4.1. Jekk it-tip ta' vettura mressaq għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 5, għandha tingħata l-approvazzjoni għal dak it-tip ta' vettura.

4.2. Għandu jingħata numru ta' approvazzjoni għal kull tip ta' vettura approvat; l-ewwel żewġ ċifri tiegħu (bħalissa 01 għar-Regolament kif emendat bis-serje ta' emendi 01) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li tinkorpora l-aktar emendi tekniċi ewlenin riċenti li saru għar-regolament meta nħarġet l-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma għandhiex tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura fir-rigward tal-istallazzjoni tat-tajers tiegħu.

4.3. Għandha tintbagħat notifika ta' approvazzjoni jew ta' ċaħda ta' approvazzjoni skont dan ir-Regolament lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 u ritratti u/jew disinji mressqa mill-applikant f'format mhux ikbar minn A4 (210 × 297 mm) jew mitwi f'dak il-format u fuq skala xierqa.

4.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, għandha titwaħħal, b'mod li jidher u f'post li huwa faċilment aċċessibbli li jiġi speċifikat fuq il-formola tal-approvazzjoni, marka ta' approvazzjoni internazzjonali li tikkonforma mal-mudell li hemm spjegata fl-Anness 3 u li tikkonsisti minn:

4.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit bin-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni; ([2])

4.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit mill-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.5. Jekk il-vettura tkun konformi ma' tip ta' vettura approvat, skont Regolament wieħed jew aktar annessi mal-Ftehim, fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 4.4.1. ma għandux għalfejn jiġi ripetut; f'dan il-każ, ir-regolament u n-numri tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali għandhom jitqiegħdu f'kolonni wieqfa fuq in-naħa tal-lemin tas-simbolu li hemm preskritt fil-paragrafu 4.4.1.

4.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.

4.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed fuq il-pjanċa tad-*data* tal-vettura inkella qrib tagħha.

4.8. L-Anness 3 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempju ta' marki tal-approvazzjoni.

5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET

5.1. Rekwiżiti ġenerali

5.1.1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5.2.4.4., kull tajer immuntat fuq vettura, inkluż, meta applikabbli, kwalunkwe stepni, għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

([2]) In-numri li jiddistingwu l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 huma riprodotti fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6, Anness 3 - www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

5.1.2. Kull tajer immuntat fuq vettura, inkluż, meta applikabbli, kwalunkwe stepni, għandu jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi u jirrispetta d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolamenti Nru 30, 54 u 117 tan-NU kif applikabbli.

5.2. Rekwiżiti tal-prestazzjoni

5.2.1. Immuntar tat-tajers

5.2.1.1. It-tajers li normalment jiġu mmuntati fuq il-vettura, jiġifieri għajr dawk użati bħala stepnis għal użu temporanju, għandu jkollhom l-istess struttura.

5.2.1.2. It-tajers kollha li normalment jiġu mmuntati fuq fus wieħed għandhom ikunu tal-istess tip.

5.2.1.3. L-ispazju li fih iddur ir-rota għandu jkun tali mod li jippermetti moviment bla trażżin meta jintuża d-daqs permissibbli massimu ta' tajers u wesgħat tar-rimm, b'qies tal-offsets tar-rota minimi u massimi, fi ħdan il-limiti tal-istering u s-saspenxin minimi u massimi kif iddikjarati mill-manifattur tal-vettura. Dan għandu jiġi vverifikat permezz ta' kontrolli bl-ikbar u l-usa' tajers, filwaqt li jitqiesu t-tolleranzi dimensjonali applikabbli (jiġifieri l-enveloppar massimu) relatati mad-deżinjazzjoni tad-daqs tat-tajers kif speċifikat fir-Regolament rilevanti tan-NU.

5.2.1.4. Is-Servizz Tekniku u/jew l-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip jistgħu jaqblu li ssir proċedura ta' ttestjar alternattiva (eż. ittestjar virtwali) biex jiġi vverifikat li r-rekwiżiti tal-paragrafu 5.2.1.3. tal-Anness jiġu ssodisfati.

5.2.2. Kapaċità għat-tagħbija

5.2.2.1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5.2.4. ta' dan ir-Regolament, il-klassifikazzjoni tat-tagħbija massima ta' kull tajer immuntat fuq il-vettura, kif iddeterminata fil-paragrafu 5.2.2.2. ta' dan ir-Regolament, inkluż stepni standard (jekk ipprovdut), għandha tkun:

5.2.2.1.1. Fil-każ ta' vettura mmuntata b'tajers tal-istess tip f'formazzjoni singola: tal-inqas ugwali għal nofs il-massa massima teknikament permissibbli għall-fus li l-aktar jitgħabba, kif iddikjarat mill-manifattur tal-vettura.

5.2.2.1.2. Fil-każ ta' vettura mmuntata b'tajers ta' iktar minn tip wieħed, f'formazzjoni singola: tal-inqas ugwali għal nofs il-massa massima teknikament permissibbli għall-fus kif iddikjarata mill-manifattur tal-vettura, fir-rigward tal-fus rilevanti.

5.2.2.1.3. Fil-każ ta' vettura mmuntata b'tajers tal-klassi C1 f'formazzjoni doppja (twin): tal-inqas ugwali għal 0,27 drabi tal-massa massima teknikament permissibbli għall-fus, kif iddikjarata mill-manifattur tal-vettura, fir-rigward tal-fus rilevanti.

5.2.2.1.4. Fil-każ ta' fusien immuntati b'tajers tal-klassijiet C2 jew C3 f'formazzjoni doppja (twin): tal-inqas ugwali għal 0,25 drabi, b'referenza għall-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija għal applikazzjoni doppja, tal-massa massima teknikament permissibbli għall-fus, kif iddikjarata mill-manifattur tal-vettura, fir-rigward tal-fus rilevanti.

5.2.2.2. Il-klassifikazzjoni tat-tagħbija massima ta' tajer hija ddeterminata kif ġej:

5.2.2.2.1. Fil-każ ta' tajers tal-klassi C1, titqies il-"klassifikazzjoni tat-tagħbija massima" kif imsemmi fir-Regolament Nru 30 tan-NU.

5.2.2.2.2. Fil-każ ta' tajers tal-klassi C2 jew C3, titqies "it-tabella tal-varjazzjoni tal-kapaċità għat-tagħbija skont il-veloċità" kif imsemmija fir-Regolament Nru 54 tan-NU, li bħala funzjoni tal-indiċijiet tal-kapaċità tat-tagħbija u s-simboli tal-kategorija ta' veloċità nominali, turi l-varjazzjonijiet tat-tagħbija li jista' jiflaħ għaliha tajer pnewmatiku filwaqt li titqies il-veloċità massima skont id-disinn tal-vettura.

5.2.2.3. Fil-manwal ta' sid il-vettura, jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni fil-vettura, il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar tajers ta' rikambju xierqa b'kapaċità għat-tagħbija adattata.

5.2.3. Kapaċità ta' veloċità

5.2.3.1. Kull tajer li normalment jiġi mmuntat fuq il-vettura għandu juri simbolu tal-kategorija tal-veloċità.

5.2.3.1.1. Fil-każ ta' tajer tal-klassi C1, is-simbolu tal-kategorija tal-veloċità għandu jkun kompatibbli mal-veloċità massima tad-disinn tal-vettura u għandu jqis, fil-każ ta' tajers tal-kategoriji ta' veloċità V, W u Y, il-klassifikazzjoni tat-tagħbija massima kif deskritt fir-Regolament Nru 30 tan-NU.

5.2.3.1.2. Fil-każ ta' tajer tal-klassi C2 jew C3, is-simbolu tal-kategorija tal-veloċità għandu jkun kompatibbli mal-veloċità massima skont id-disinn tal-vettura u l-kombinament applikabbli ta' tagħbija/veloċità derivat mit-"tabella tal-varjazzjoni tal-kapaċità għat-tagħbija skont il-veloċità" kif deskritt fir-Regolament Nru 54 tan-NU.

5.2.3.2. Ir-rekwiżiti tal-paragrafi 5.2.3.1.1. u 5.2.3.1.2. m'għandhomx japplikaw għas-sitwazzjonijiet li ġejjin:

5.2.3.2.1. Fil-każ ta' stepnis għal użu temporanju li japplika għalihom il-paragrafu 5.2.5. ta' dan ir-Regolament.

5.2.3.2.2. Fil-każ ta' vetturi li normalment ikunu mgħammra b'tajers ordinarji u li xi kultant jiġu mmuntati fuqhom tajers għall-borra għal użu f'kundizzjonijiet ta' borra severi (jiġifieri bil-markatura tas-simbolu tal-borra fuq muntanja bi tliet quċċati jew dak alpin), fejn f'tali każijiet is-simbolu tal-kategorija tal-veloċità tat-tajers għall-borra għal użu f'kundizzjonijiet ta' borra severi għandu jikkorrispondi għal veloċità li jew tkun ogħla mill-veloċità massima skont id-disinn tal-vettura jew inkella ma tkunx ta' inqas minn 160 km/h (jew it-tnejn). Madankollu, jekk il-veloċità massima skont id-disinn tal-vettura tkun ogħla mill-veloċità korrispondenti għas-simbolu tal-inqas kategorija tal-veloċità tat-tajers għall-borra għal użu f'kundizzjonijiet ta' borra severi mmuntati, fuq ġewwa tal-vettura, f'pożizzjoni prominenti u fejn tidher faċilment u tkun viżibbli għax-xufier b'mod permanenti, għandha titwaħħal tikketta ta' twissija dwar il-kapaċità tal-veloċità massima li tispeċifika l-inqas valur tal-kapaċità għall-veloċità massima tat-tajers għall-borra għal użu f'kundizzjonijiet ta' borra severi mmuntati. Tipi oħra ta' tajers b'forza tat-trazzjoni mtejba fuq il-borra (jiġifieri bil-markatura M+S, iżda mingħajr il-markatura tas-simbolu tal-borra fuq muntanja bi tliet quċċati jew dak alpin) għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-paragrafi 5.2.3.1.1. u 5.2.3.1.2. ta' dan ir-Regolament.

5.2.3.2.3. Fil-każ ta' vetturi mgħammra b'tajers għal użu speċjali. Madankollu, jekk il-veloċità massima skont id-disinn tal-vettura tkun ogħla mill-veloċità korrispondenti għas-simbolu tal-inqas kategorija tal-veloċità tat-tajers għal użu speċjali mmuntati, fuq ġewwa tal-vettura, f'pożizzjoni prominenti u fejn tidher faċilment u tkun viżibbli għax-xufier b'mod permanenti, għandha titwaħħal tikketta ta' twissija dwar il-veloċità massima li tispeċifika l-inqas valur tal-kapaċità tal-veloċità massima tat-tajers għal użu speċjali mmuntati.

5.2.3.2.4. Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji M_2, M_3, N_2 jew N_3 mgħammra b'regolatur tal-veloċità eċċessiva (SLD) approvat skont ir-Regolament Nru 89 tan-NU fejn f'tali każ is-simbolu tal-veloċità tat-tajers għandu jkun kompatibbli mal-veloċità skont liema hija stabbilita l-limitazzjoni. Madankollu, jekk il-manifattur tal-vettura jkun ippreveda li l-veloċità massima skont id-disinn tal-vettura hija ogħla mill-veloċità korrispondenti għas-simbolu tal-inqas kategorija tal-veloċità tat-tajers immuntati, fuq ġewwa tal-vettura, f'pożizzjoni prominenti u fejn tidher faċilment u tkun viżibbli għax-xufier b'mod permanenti, għandha titwaħħal tikketta dwar il-veloċità massima li tispeċifika l-kapaċità tal-veloċità massima tat-tajers.

5.2.3.2.5. Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji M1 jew N1 mgħammra b'sistema abbord li twettaq funzjoni ta' regolatur tal-veloċità eċċessiva fejn f'tali każ is-simbolu tal-veloċità tat-tajers għandu jkun kompatibbli mal-veloċità skont liema hija stabbilita l-limitazzjoni.

Madankollu, jekk il-manifattur tal-vettura jkun ippreveda li l-veloċità massima skont id-disinn tal-vettura hija ogħla mill-veloċità korrispondenti għas-simbolu tal-inqas kategorija tal-veloċità tat-tajers immuntati, fuq ġewwa tal-vettura, f'pożizzjoni prominenti u fejn tidher faċilment u tkun viżibbli għax-xufier b'mod permanenti, għandha titwaħħal tikketta dwar il-veloċità massima li tispeċifika l-kapaċità tal-veloċità massima tat-tajers.

5.2.3.3. Il-manifattur għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar tajers ta' rikambju xierqa b'kapaċità ta' veloċità adattata fil-manwal ta' sid il-vettura jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni fil-vettura.

5.2.4. Każijiet speċjali

5.2.4.1. Fil-każ ta' vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1, li huma ddisinjati biex ikunu kapaċi jirmunkaw trejler, it-tagħbija addizzjonali imposta fuq l-mekkaniżmu tat-tqabbid tat-trejler tista' twassal biex il-klassifikazzjoni tat-tagħbija massima tat-tajer ta' wara tinqabeż fil-każ ta' tajers tal-klassi C1, iżda b'mhux aktar minn 15 fil-mija. F'każ hekk, il-manwal ta' sid il-vettura, jew il-mezz ieħor ta' komunikazzjoni msemmi fil-paragrafu 5.2.3.3., għandu jkun fih informazzjoni u pariri ċari dwar il-veloċità massima permissibbli tal-vettura meta din tkun qed tirmonka trejler, li f'kull każ m'għandha qatt tisboq il-100 km/h, u dwar il-pressjoni tat-tajer ta' wara, li tkun tal-inqas 20 kPa (0,2 bar) iktar mill-pressjoni(jiet) tat-tajer kif rakkomandat għal użu normali (jiġifieri bla trejler irmunkat).

5.2.4.2. Fil-każ ta' trejlers tal-kategoriji O_1 u O_2 b'veloċità massima skont id-disinn tal-vettura ta' 100 km/h jew inqas u li huma mgħammra b'tajers tal-klassi C1 f'formazzjoni singola, il-klassifikazzjoni tat-tagħbija massima għal kull tajer għandha tkun tal-anqas ta' 0,45 drabi tal-massa massima teknikament permissibbli għall-fus fil-każ tal-aktar fus mgħobbi, kif iddikjarata mill-manifattur tat-trejler. Fil-każ ta' tajers f'formazzjoni doppja (twin) dan il-fattur għandu jkun ta' mill-inqas 0,24. F'każijiet hekk, tikketta ta' twissija dwar il-veloċità operattiva massima, li tispeċifika l-veloċità massima skont id-disinn tal-vettura, għandha titwaħħal b'mod permanenti u dejjiema ħdejn il-mekkaniżmu tat-tqabbid ta' quddiem tat-trejler.

5.2.4.3. Fil-każ ta' xi vetturi speċjali, kif elenkati hawn taħt, immuntati b'tajers tal-klassi C2 jew C3, it-"tabella tal-varjazzjoni tal-kapaċità għat-tagħbija skont il-veloċità" kif deskritta fil-paragrafu 5.2.2.2.2. ta' dan l-Anness ma għandhiex tapplika. F'tali każ, il-klassifikazzjoni tat-tagħbija massima tat-tajer li għandha tiġi ċċekkjata kontra l-massa massima teknikament permissibbli tal-fus (ara l-paragrafi minn 5.2.2.1.2. sa 5.2.2.1.4.) għandha tiġi ddeterminata billi t-tagħbija li tikkorrispondi mal-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija tiġi mmultiplikata b'koeffiċjent xieraq li huwa relatat mat-tip ta' vettura u l-użu tagħha, minflok mal-veloċità skont id-disinn tal-vettura, u r-rekwiżiti tal-paragrafi 5.2.3.1.1. u 5.2.3.1.2. ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw.

Il-koeffiċjenti xierqa għandhom ikunu dawn li ġejjin:

5.2.4.3.1. 1,15 fil-każ ta' vettura tal-Klassi I jew Klassi A (M_2 jew M_3), skont ir-Regolament Nru 107 tan-NU.

5.2.4.3.2. 1,10 fil-każ ta' vetturi tal-kategorija N li huma ddisinjati speċifikament biex jintużaw għal distanzi qosra f'applikazzjonijiet urbani u suburbani, bħal vetturi li jikinsu t-toroq jew li jiġbru l-iskart, sakemm il-veloċità massima skont id-disinn tal-vettura ma tkunx taqbeż is-60 km/h.

5.2.4.4. F'każijiet eċċezzjonali, fejn vetturi jkunu ddisinjati għal kundizzjonijiet ta' użu li mhumiex kompatibbli mal-karatteristiċi tat-tajers tal-klassi C1, C2 jew C3 u għalhekk ikun meħtieġ li jiġu mmuntati tajers b'karatteristiċi differenti, ir-rekwiżiti tal-paragrafu 5.1.1. ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

5.2.4.4.1. it-tajers għandhom jiġu approvati skont ir-Regolament Nru 75 tan-NU jew skont ir-Regolament Nru 106 tan-NU; u

5.2.4.4.2. l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip u s-servizzi tekniċi għandhom ikunu sodisfatti li t-tajers immuntati jkunu xierqa għall-kundizzjonijiet operattivi tal-vettura. In-natura tal-eżenzjoni u r-raġunament tal-aċċettazzjoni għandhom jiġu ddikjarati fir-rapport tat-test kif ukoll fil-formola ta' komunikazzjoni tal-Anness 2.

5.2.5. Stepnis u roti żejda

5.2.5.1. F'każijiet fejn vettura tkun ipprovduta bi stepni, dan għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

5.2.5.1.1. Stepni standard tal-istess daqs tat-tajers li jkunu mmuntati fuq il-vettura.

Jekk il-vettura tkun mgħammra b'tajers ta' diversi daqsijiet, id-daqs tal-istepni għandu jkun jaqbel ma' wieħed mid-daqsijiet tat-tajers. Dan għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar fil-manwal ta' sid il-vettura jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni fil-vettura.

5.2.5.1.2. Stepni għal użu temporanju ta' tip adattat għall-użu fuq il-vettura; madankollu, vetturi ta' kategoriji għajr M_1, N_1, M_2, M_3 (massa massima mgħobbija ≤ 7 500 kg) jew N_2 (massa massima mgħobbija ≤ 7 500 kg) ma għandhomx jiġu mgħammra bi stepni għal użu temporanju, u lanqas ma għandu jiġi mmuntat fuqhom stepni għal użu temporanju.

5.2.5.2. Kull vettura fornuta bi stepni għal użu temporanju jew b'tajers run-flat għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet tekniċi u tranżizzjonali tar-Regolament Nru 64 tan-NU fir-rigward tar-rekwiżiti li jikkonċernaw l-istallazzjoni ta' stepnis għal użu temporanju u tajers run-flat fuq il-vetturi.

Jekk għandhom jittieħdu prekawzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-immuntar mal-vettura ta' stepni għal użu temporanju (eż. l-istepni għal użu temporanju għandu jiġi mmuntat biss fuq il-fus ta' quddiem u għaldaqstant stepni standard ta' quddiem għandu qabelxejn jiġi mmuntat fuq il-fus ta' wara biex tiġi indirizzata problema bi stepni standard ta' wara) dan għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar fil-manwal ta' sid il-vettura jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni fil-vettura, filwaqt li għandha tiġi vverifikata l-konformità mal-aspetti relevanti tal-paragrafu 5.2.1.3. ta' dan ir-Regolament.

6. MODIFIKA TAT-TIP TA' VETTURA U ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI

6.1. Kull modifika għal tip ta' vettura eżistenti għandha tiġi notifikata lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun approvat it-tip ta' vettura. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip imbagħad għandha jew:

(a) Tiddeċiedi, f'konsultazzjoni mal-manifattur, li għandha tinħareġ approvazzjoni tat-tip ġdida; jew

(b) Tapplika l-proċedura li tinsab fil-paragrafu 6.1.1. (Reviżjoni) u, jekk applikabbli, il-proċedura li tinsab fil-paragrafu 6.1.2. (Estensjoni).

6.1.1. Reviżjoni

Meta d-dettalji rreġistrati fid-dokumenti ta' informazzjoni tal-Anness 1 ikunu nbidlu u l-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip tikkunsidra li l-modifiki li jkunu saru mhux probabbli li se jkollhom effett avvers sinifikattiv u li, fi kwalunkwe każ, il-vettura għadha tikkonforma mar-rekwiżiti, il-modifiki għandhom jissemmew "reviżjoni";

F'dan il-każ, l-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip għandha toħroġ il-paġni riveduti tad-dokumenti ta' informazzjoni tal-Anness 1 kif meħtieġ, u timmarka kull paġna riveduta biex turi b'mod ċar in-natura tal-modifika u d-data tal-ħruġ mill-ġdid. Verżjoni konsolidata u aġġornata tad-dokumenti ta' informazzjoni tal-Anness 1, flimkien ma' deskrizzjoni dettaljata tal-modifika, għandha titqies li tissodisfa dan ir-rekwiżit.

6.1.2. Estensjoni

Il-modifika għandha tiġi ddeżinjata bħala "estensjoni" jekk, minbarra l-bidla fid-dettalji rreġistrata fid-dokumenti ta' informazzjoni tal-Anness 1,

(a) Ikunu meħtieġa aktar spezzjonijiet jew testijiet; jew

(b) Tkun inbidlet xi informazzjoni fid-dokument ta' komunikazzjoni (bl-eċċezzjoni ta' partijiet mehmuża miegħu); jew

(c) L-approvazzjoni għal serje ta' emendi aktar tard tintalab wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

6.2. Il-konferma jew ir-rifjut tal-approvazzjoni, fejn jiġu speċifikati l-bidliet, għandha tiġi kkomunikata lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament, skont il-proċedura speċifikata fil-paragrafu 4.3. ta' hawn fuq. Barra minn hekk, l-indiċi tad-dokumenti ta' informazzjoni u tar-rapporti tat-test, mehmuż mad-dokument ta' komunikazzjoni tal-Anness 1, għandu jiġi emendat kif meħtieġ biex jindika d-data tar-reviżjoni jew l-estensjoni l-aktar reċenti.

6.3. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tagħti numru tas-serje lil kull formola ta' komunikazzjoni li ssir għal estensjoni bħal din.

7. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

7.1. Il-proċeduri li jikkonċernaw il-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ġenerali definiti fl-Artikolu 2 u fl-Iskeda 1 tal-Ftehim (E/ECE/TRANS/505/Rev.3), u għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

7.2. Kull vettura approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun manifatturata b'mod li tikkonforma mat-tip approvat billi tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 5.;

7.3. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun tat l-approvazzjoni tista' fi kwalunkwe ħin tivverifika l-metodi ta' kontroll tal-konformità applikabbli għal kull unità tal-produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun ta' darba kull sentejn.

8. PENALI GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

8.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ma jiġux rispettati r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 7.

8.2. Jekk Parti Kontraenti tirtira l-approvazzjoni li kienet tat qabel, għandha minnufih tavża b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li qed japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

9. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

Jekk id-detentur ta' approvazzjoni jieqaf b'mod permanenti mill-manifattura ta' tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tat l-approvazzjoni, li min-naħa tagħha għandha tinnotifika minnufih lill-Partijiet Kontraenti l-oħra għall-Ftehim li qegħdin japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

10. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

10.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi 01, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti jew tirrifjuta li taċċetta approvazzjonijiet tat-tip skont dan ir-Regolament kif emendat bis-serje ta' emendi 01.

10.2. Mis-6 ta' Lulju 2022, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip għas-serje preċedenti ta' emendi, maħruġa għall-ewwel darba wara s-6 ta' Lulju 2022.

10.3. Sas-6 ta' Lulju 2022, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip skont is-serje ta' emendi preċedenti li jkunu nħarġu għall-ewwel darba qabel is-6 ta' Lulju 2022.

10.4. Mis-6 ta' Lulju 2022, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip li jkunu nħarġu skont is-serje ta' emendi preċedenti għal dan ir-Regolament.

10.5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali ta' hawn fuq, il-Partijiet Kontraenti li jibdew japplikaw dan ir-Regolament wara d-dħul fis-seħħ tas-serje ta' emendi l-iktar reċenti mhumiex obbligati jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip li jkunu ngħataw f'konformità ma' xi waħda mis-serje preċedenti ta' emendi għal dan ir-Regolament u huma obbligati biss li jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip mogħtija f'konformità mas-serje ta' emendi 01.

10.6. Minkejja l-paragrafu 10.4, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jaċċettaw approvazzjonijiet tat-tip tan-NU maħruġa skont is-serje ta' emendi preċedenti għal dan ir-Regolament, għal vetturi/sistemi ta' vetturi li mhumiex affettwati mill-bidliet introdotti bis-serje ta' emendi 01.

10.7. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament jistgħu jagħtu approvazzjonijiet tat-tip skont kwalunkwe serje preċedenti ta' emendi għal dan ir-Regolament ([3]).

10.8. Il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom ikomplu jagħtu estensjonijiet ta' approvazzjonijiet eżistenti skont kwalunkwe serje preċedenti ta' emendi għal dan ir-Regolament[3].

11. L-ISMIJIET U L-INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TAL-APPROVAZZJONI U TAL-AWTORITAJIET TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

Il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni, u tal-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tagħti l-approvazzjoni u li lilha għandhom jintbagħtu formoli li jiċċertifikaw l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew ir-rifjut jew l-irtirar tal-approvazzjoni.

([3]) Nota mis-segretarjat: il-kliem ġie aġġustat f'konformità mad-deċiżjoni tad-WP.29 fis-sessjoni tiegħu ta' Novembru 2020 (ECE/TRANS/WP.29/1155, il-paragrafi 92 u 93, u d-dokument informali WP.29-182-11).

ANNESS 1

(Format massimu: A4 (210 mm × 297 mm))

Dokument ta' informazzjoni

f'konformità mar-Regolament tan-NU dwar l-installazzjoni tat-tajers

1. Ġenerali

1.1. Il-marka (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....

1.2. It-tip: .....

1.2.1. Isem/ismijiet kummerċjali (jekk disponibbli: .....

1.3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk ikun immarkat fuq il-vettura: ([1]) .....

1.3.1. Fejn tinsab dik il-markatura: .....

1.4. Kategorija tal-vettura: ([2]) .....

1.5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

1.6. L-isem/ismijiet u l-indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ: .....

1.7. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk ikun hemm): .....

2. Karatteristiċi ġenerali tal-kostruzzjoni tal-vettura

2.1. Ritratti u/jew disinji ta' vettura rappreżentattiva: .....

2.2. Għadd ta' fusien u roti: .....

2.2.1. L-għadd u l-pożizzjoni tal-fusien mat-tajers f'formazzjoni doppja (twin): .....

2.2.2. Numru u pożizzjoni tal-fusien manuvrabbli: .....

2.2.3. Fusien motorizzati (in-numru, il-pożizzjoni, l-interkonnessjoni): .....

3. Mases u dimensjonijiet ([3]) ([4])

3.1. Trekk(ijiet) u wisa'/wisgħat tal-fus

3.1.1. Trekk ta' kull fus manuvrabbli: ([5]) .....

3.1.2. Trekk tal-fusien l-oħra kollha ([5]) .....

([1]) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip fih karattri mhux rilevanti sabiex jiġu deskritti t-tipi tal-vettura, il-komponent jew it-tipi tal-unità teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, tali karattri għandhom ikunu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (eż. ABC??123??).

([2]) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3.), dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6, paragrafu 2 - www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

([3]) Meta jkun hemm verżjoni waħda b'kabina normali u oħra b'kabina tal-irqad, għandhom jiġu ddikjarati ż-żewġ settijiet ta' mases u dimensjonijiet.

([4]) Standard ISO 612: 1978 - Vetturi tat-Triq - Dimensjonijiet tal-vetturi motorizzati u tal-vetturi rmunkati - termini u definizzjonijiet.

([5]) Standard ISO 612-1978, Terminu Nru 6.5.

3.1.3. Wisa' tal-fus l-aktar wiesgħa ta' wara: .....

3.1.4. Wisa' tal-fus ta' quddiem nett (imkejjel fil-parti ta' barra nett tat-tajers għajr il-biċċa mqabbża 'il barra tat-tajers viċin l-art): .....

3.2. Il-massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ddikjarata mill-manifattur: ([6]), ([7]) .....

3.3. Massa massima teknikament permissibbli fuq kull fus: .....

3.4. Il-vettura hija/mhijiex ([8]) xierqa għall-irmunkar ta' tagħbijiet

3.5. Il-veloċità massima skont id-disinn tal-vettura (f'km/h): ([9]) .....

4. Sospensjoni

4.1. Tajers u roti

4.1.1. Kombinament(i) ta' tajer/rota ([10])

(a) għat-tajers indika:

☐ klassi tat-tajer (C1/ C2/ C3) ([8])

☐ id-dežinjazzjoni(jiet) tad-daqs .....

☐ indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija ([7]) .....

☐ simbolu tal-kategorija tal-veloċità ([7]) .....

(b) għar-roti indika d-daqs(ijiet) tar-rimmijiet u tal-offset(s). .....

4.1.2. Fusien

4.1.2.1. Fus 1:

4.1.2.2. Fus 2:

eċċ.

4.1.3. Il-pressjoni(jiet) tat-tajers kif irrakkomandat(i) mill-manifattur tal-vettura (kPa), skont it-tagħbija tal-vettura: .....

4.1.4. Deskrizzjoni tal-kombinament(i) tal-apparat(i) għat-trazzjoni fuq il-borra u tat-tajer/rota fuq il-fus(ien) ta' quddiem u/jew ta' wara xieraq/xierqa għat-tip ta' vettura, kif rakkomandat mill-manifattur: .....

4.1.5. Deskrizzjoni qasira tal-istepni għal użu temporanju (jekk ikun hemm): .....

4.1.6. Deskrizzjoni qasira tas-sistema ta' monitoraġġ ta' pressjoni tat-tajers (TPMS) (jekk immuntati fuq il-vettura): .....

([6]) Għal trejlers jew semitrejlers, u għal vetturi mqabbda ma' trejler jew semitrejler, li jpoġġu tagħbija vertikali sinifikanti fuq il-mekkaniżmu tat-tqabbid jew in-nagħla, din it-tagħbija, diviża bl-aċċellerazzjoni standard tal-gravità, hija inkluża fil-massa massima teknikament permissibbli.

([7]) Jekk joghġbok niżżel hawnhekk l-ogħla u l-inqas valuri għal kull varjant.

([8]) Ħassar fejn mhux applikabbli.

([9]) Fir-rigward tal-vetturi motorizzati, jekk il-manifattur tal-vettura jippermetti li ċerti funzjonijiet ta' kontrollur jiġu modifikati (eż. permezz ta' softwer, ħardwer, aġġornar, selezzjoni, abilitazzjoni, diżabilitazzjoni) qabel jew wara ma l-vettura tkun iddaħħlet fis-servizz, bir-riżultat li l-vettura jkollha veloċità massima miżjuda, il-veloċità massima li possibbilment tinkiseb permezz tal-aġġustament ta' dawn il-funzjonijiet ta' kontrollur tiġi ddikjarata. Fir-rigward ta' trejlers, il-veloċità massima permessa mill-manifattur tal-vettura tiġi ddikjarata.

([10]) Fil-każ ta' tajers bl-iskrizzjoni ZR qabel il-kodiċi tad-dijametru tar-rimm, maħsuba biex jiġu mmuntati fuq vetturi li l-veloċità massima skont id-disinn tagħhom taqbeż it-300 km/h, għandha tiġi pprovduta informazzjoni ekwivalenti.

5. Karozzerija

5.1. Parafangi tar-roti

5.1.1. Deskrizzjoni qasira tal-vettura fir-rigward tal-parafangi tar-roti tagħha: .....

6. Mixxellanji

6.1. Regolaturi tal-veloċità eċċessiva

6.1.1. Manifattur(i): .....

6.1.2. Tip(i): .....

6.1.3. Numru/i tal-approvazzjoni tat-tip, jekk disponibbli: .....

6.1.4. Veloċità jew firxa ta' veloċitajiet li fiha/fihom tista' tiġi stabbilita r-regolazzjoni tal-veloċità: km/siegħa .....

ANNESS 2

Komunikazzjoni

(format massimu: A4 (210 × 297 mm))



Maħruġ minn: (Isem l-amministrazzjoni)

.....

.....

dwar (2): Approvazzjoni mogħtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni rrifjutata

Approvazzjoni rtirata

Produzzjoni mwaqqfa għalkollox

ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-istallazzjoni tat-tajers tagħha

Nru. tal-Approvazzjoni: .....Nru. tal-Estensjoni: .....

Taqsima I

1. Il-marka (l-isem kummerċjali tal-manifattur): .....

2. It-tip: .....

2.1. Isem/ismijiet kummerċjali (jekk disponibbli: .....

3. Il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk ikun immarkat fuq il-vettura (3): .....

3.1. Fejn tinsab dik il-markatura: .....

4. Kategorija tal-vettura (4): .....

5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....

6. L-isem/ismijiet u l-indirizz(i) tal-impjant(i) tal-assemblaġġ: .....

7. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur (jekk ikun hemm): .....

Taqsima II

1. Informazzjoni addizzjonali: ara l-Addendum

(1) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta, estenda, irrifjuta jew irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet tal-approvazzjoni fir-Regolament).

(2) Aqta' barra dak li ma japplikax.

(3) Jekk il-mezz ta' identifikazzjoni tat-tip fih karattri mhux rilevanti sabiex jiġu deskritti t-tipi tal-vettura, il-komponent jew it-tipi tal-unità teknika separata koperti minn dan id-dokument ta' informazzjoni, tali karattri għandhom ikunu rrappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu "?" (eż. ABC??123??).

(4) Kif definit fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6, para. 2 - www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

2. Is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet: .....

3. Id-data tar-rapport tat-test: .....

4. In-numru tar-rapport tat-test: .....

5. Rimarki (jekk hemm): ara l-Addendum

6. Post: .....

7. Data: .....

8. Firma: .....

9. Pakkett ta' informazzjoni (fejn rilevanti) .....

Addendum tal-formola ta' komunikazzjoni Nru. .....

dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-istallazzjoni tat-tajers tagħha

1. Informazzjoni addizzjonali

1.1. Deskrizzjoni qasira tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-istruttura, id-dimensjonijiet, il-linji u l-materjali kostitwenti tagħha: .....

1.2. Kombinament(i) ta' tajer (C1/ C2/ C3)[2]/rota (inkluż id-daqs tat-tajer, id-daqs tar-rimm u l-offset tar-rota): .....

1.3. Is-simbolu tal-kategorija tal-veloċità minima kompatibbli mal-veloċità massima skont id-disinn tal-vettura (ta' kull varjant) (għal tajers immarkati bl-iskrizzjoni ZR qabel il-kodiċi tad-dijametru tar-rimm, maħsuba biex jiġu mmuntati fuq vetturi li l-veloċità massima tagħhom skont id-disinn taqbeż it-300 km/h, għandha tiġi pprovduta informazzjoni ekwivalenti): .....

1.4. L-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija minima kompatibbli mal-massa massima teknikament permissibbli fuq kull fus (ta' kull varjant) (jekk applikabbli aġġustata skont il-paragrafu 5.2.2.2. ta' dan ir-Regolament): .....

1.5. Kombinament(i) ta' tajer (C1/ C2/ C3)[2]/rota (inkluż id-daqs tat-tajer, id-daqs tar-rimm u l-offset tar-rota) li jridu jintużaw mal-apparat(i) għat-trazzjoni fuq il-borra: .....

2. Vettura tal-kategorija M_1 hija/mhijiex[2] xierqa għall-irmunkar ta' tagħbijiet u l-klassifikazzjoni tat-tagħbija tat-tajers ta' wara nqabżet bi …. fil-mija

3. Il-vettura hi/mhijiex[2] approvata skont ir-Regolament(i) Nru 64 u/jew Nru 141[2] tan-NU fir-rigward tal-istepni tagħha għal użu temporanju tat-tip 1/2/3/4/5.[2]


4. Il-vettura hi/mhijiex[2] approvata skont ir-Regolament(i) Nru 64 u/jew Nru 141[2] tan-NU fir-rigward tas-sistema tagħha tal-monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers (TPMS)

4.1. Deskrizzjoni qasira tas-sistema ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers (TPMS) (jekk immuntati): .....

ANNESS 3

Arranġamenti tal-marka tal-approvazzjoni

(ara l-paragrafi 4.4. sa 4.4.2. ta' dan ir-Regolament)



a = 8 mm min

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq li titwaħħal ma' vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernat ġie approvat fil-Belġju (E 6) fir-rigward tal-installazzjoni tat-tajers, skont ir-Regolament Nru 142 tan-NU. L-ewwel żewġ ċifri tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Nru 142 tan-NU kif emendat bis-serje ta' emendi 01.